MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 814/2006

Wara c-Cedola ta' Depozitu numru 348/2006 fl-ismijiet:

Robertino Bonello, fil-kummerc, bin Anthony u Carmen nee' Sammut, imwieled Pieta' u residenti Swieqi, (I.D. nru. 462975(M)) u Joseph Sammut, Awditur, bin il-mejjet John u Crocefissa nee' Abela, imwieled Mosta u residenti San Pawl il-Bahar (I.D. nru. 471857(M))
vs
Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
vs
Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja nominati kuraturi deputati permezz ta' digriet ta' Din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Frar 2005 sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS TAL-BANK OF VALLETTA P.L.C.:**
Rat ir-rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi, permezz tac-Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija (Dok. "A") giet depozitata taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti minn Robertino Bonello (I.D. nru. 462975(M)) is-somma ta' mija u wiehed u tletin elf, u sitt mitt Lira Maltin (Lm131,600) prezz ta' blokk ta' bini minghajr numru ufficjali, maghruf bhala I.T.B. House, fi Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar, konsistenti f'*garage* fil-pjan sotterran, hanut fil-pjan terran, u tliet appartamenti sovrastanti fuq xulxin, kif soggett il-blokk kollu ghac-cens annwu u perpetwu ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm200), bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu u gie liberat favur l-imsemmija depozitanti fil-21 ta' Marzu, 2006.

2. Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 26 ta' Gunju, 2002, in atti Nutar Dottor Bartolomeo Micallef (Dok "A1"), is-socjeta' intimata Incoming Travel Bureau ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' mija u hamsa u erbghin elf, hames mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm145,520.00), liema kuntratt gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Settembru, 2002 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u immarkata bhala dokument "B";

Illi, illum id-debitu [kreditu – skond kif korretta b'digriet tad-9 ta' Novembru 2009] ta' l-esponenti jammonta ghas-somma ta' mija u erbgha u sebghin elf, disa' mija u disgha u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm174,939.99) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2006 sad-data ta' l-effettiv.

Illi, dan il-kreditu tal-bank rikorrent jinsab munit b'ipoteki u privileggi li jippregradwaw dak ta' kwalsiasi kreditur iehor fosthom dawk li jgibu n-numri I 3080/93,I 10546/1993, I 2930/1997, I 2939/1997, I 14226/1998, I 14228/1998, I 14247/1998 u I 6804/2000.

3. Illi, permezz ta' rikors ta' zbankipprezentat fit-18 t' April 2006 li kopja tieghu giet esebita mar-rikors u immarkata Dok. "C", il-bank rikorrenti talab illi jizbanka l-imsemmija somma bhala parti mid-debitu lilu dovut kif fuq imsemmi izda tali zbank ma setax isir peress illi s-socjeta`

Intercomp Limited kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud opponew tali zbank, u ghalhekk hemm izjed minn zewg persuni li qed jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor, jew qabilhom jew xi interess iehor fuq l-imsemmija flus depozitati.

Ghaldaqstant, il-Bank of Valletta p.l.c. talab li din il-Qorti joghgobha ai termini ta' l-Artikolu 416 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili - Kap. 12 tal-Ligijiet - tordna l-apertura ta' Konkors ta' Kredituri tas-socjeta' intimata Incoming Travel Bureau Limited fuq il-flus depozitati permezz ta' Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija, filwaqt illi taghti l-opportuni provvedimenti.

Rat id-dokumenti prezentati mill-Bank of Valletta p.l.c.

**B: RIKORS TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI TA' L-4 TA' OTTUBRU 2006 (FOL 38):**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li bih espona:

Illi permezz tar-rikors promotur is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. ghar-ragunijiet hemm esposti talbet lil din il-Qorti joghgobha tordna l-apertura ta' Konkors ta' Kredituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fuq il-flus depozitati permezz tac-Cedola ta' Depozitu Numru 348/2006;

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa kreditur ezekuttiv tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fis-somma LM28061 (tmienja u ghoxrin elf u wiehed u sittin Lira Maltin), oltre imghaxijiet u spejjez, rapprezentanti s-segwenti:

a. LM25,772 (hamsa u ghoxrin elf seba' mija u tnejn u sebghin Lira Maltin) liema kreditu gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjaliipprezentata fit-23 ta' Dicembru 2002 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok.A), u jirrapprezenta in kwantu

i. Lm6753 somma stabbilita skond ir-regola 24 tar-Regoli ta' l-1998 dwar il-*Final Settlement System*

(Avviz Legali 88/98) u l-Att tal-1994 dwar l-Amminstrazzjoni tat-Taxxa u dana ghas-snin 1999, 2000 u 2001;

ii. Lm15,000 somma stabbilita skond l-artikolu 116 ta’ l-Att Dwar is-Sigurta` Socjali (Kap.318) bhala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta’ l-impjegati ta' Incoming Travel Bureau Limited u dana ghas-snin 1999, 2000 u 2001;

iii. Lm1591 Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 24 (1) tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-*Final Settlement System* u l-Att tal-1994 dwar l-Amminstrazzjoni tat-Taxxa;

iv. Lm2428 Kontribuzzjoni Addizjonali imposta skond l-Artikolu 116 (1) (b) ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318);

b. Lm2289 (elfejn mitejn u disa u tmenin Lira Maltin) liema kreditu gie rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali ipprezentata fil-21 ta' Jannar 2004 (kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok.B),,u jirrapprezentaw in kwantu

i. Lm500 somma stabbilita skond ir-regola 24 tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-*Final Settlement System* (Avviz Legali 88/98) u l-Att ta’ l-1994 dwar l-Amminstrazzjoni tat-Taxxa u dana sena 2002 (Jannar sa Gunju);

ii. Lm1400 somma stabbilita skond l-artikolu 116 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318) bhala ammont totali ta' tnaqqis li kellu jsir mill-pagi u s-salarji ta’ l-impjegati ta' Incoming Travel Bureau Limited u dana ghas-sena 2002 (Jannar sa Gunju);

iii. Lm102 Taxxa Addizjonali imposta skond ir-regola 24 (1) tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-*Final Settlement System* u l-Att ta’ l-1994 dwar l-Amminstrazzjoni tat-Taxxa;

iv. Lm287 Kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116 (1) (b) ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kap. 318);

Illi permezz ta’ l-att gudizzjarju opportun ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni kien intervjena fl-atti tas-Subbasta Numru 134/03;

Illi permezz tar-rikors opportun prezentat fl-10 ta' April 2006 ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni kien talab lil din il-Qorti jigi awtorizzat jizbanka, mill-flus depozitati permezz tac-Cedola Numru 348/06, is-somma ta' Lm28061;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Qorti datat 3 ta' Awissu 2006 il- Kummissarju tat-Taxxi Interni gie ordnat, jekk jidhirlu, jipprocedi skond il-Ligi u dana wara li dina l-Qorti iddikjarat li jirrizultalha li saru domandi ghal zbank ta' flus li jeccedu l-ammont depozitat permezz tac-Cedola Numru 348/06;

Illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa privileggjat u dana ai termini ta’ l-artikolu 23 subartikolu 11 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini ta’ l-artikolu 116 subartikolu 3 tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-kreditu privileggjat tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni ghandu jithallas qabel kull kreditu iehor, anke jekk privileggjat jew ipotekarju, ad eskluzjoni ta' pagi dovuti lill-impjegati tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited;

Ghaldaqstant ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni talab illi huwa jigi ammess fil-lista tal-kredituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited (C14396) u dana ai termini ta’ l-artikolu 416 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-kreditu ta’ l-istess Kumiisarju tat-Taxxi Interni jigi ippregradwat wara li din il-Qorti joghgobha taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti prezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**C: RIKORS TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI TAL-11 TA’ OTTUBRU 2006 (FOL 95):**
Rat ir-Rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li bih espona:

Illi permezz tar-rikors promutur is-socjeta` Bank of Valletta p.I.e. ghar-ragunijiet hemm esposti tablet lil din il-Qorti joghgobha tordna l-apertura ta' Konkors ta' Kredituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fuq il-flus depozitati permezz tac-Cedola ta' Depozitu Numru 348/2006;

Illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa kreditur ezekuttiv tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fis-somma Lm13990 (tlettax-il elf disa mija u disghin lira Maltin), oltre imghaxijiet u spejjez u oltre l-ammont ta' Lm28061 (tmienja u ghoxrin elf u wiehed u sittin lira Maltin) rifless fir-rikors tar-rikorrent prezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri fl-4 ta' Settembru 2006;

L-ammont indikat ta' Lm13990 (tlettax-il elf disa mija u disghin lira Maltin) jirraprezenta s-segwenti:

a. Lm8791 (tmint elef seba’ mija u wiehed u disghin lira Maltin) jirraprezentaw l-ammont ta' taxxa fuq il-qligh u taxxa addizjonali kif spejgat fid-dokument anness mar-rikors u immarkat bhala Dok.A;

b. Lm1160 (elf mija u sittin lira Maltin) jirraprezenta l-ammont ta' taxxa fuq il-qligh u taxxa addizjonali kif spejgat fid-dokument anness mar-rikors u immarkat bhala Dok.B;

c. Lm4039 (erbat elef u disa u tletin lira Maltin) jirraprezenta l-ammont ta' taxxa fuq il-qligh u taxxa addizjonali kif spejgat fid-dokument anness mar-rikors u immarkat bhala Dok.C;

Illi permezz ta’ l-att gudizzjarju opportun ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni kien intervjena fl-atti tas-Subbasta Numru 134/03;

Illi permezz ta' digriet ta' dina l-Qorti datat 3 ta' Awissu 2006 ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni gie ordnat, jekk jidhirlu, jipprocedi skond il-Ligi u dana wara li dina l-Qorti iddikjarat li jirrizultalha li saru domandi ghal zbank ta' flus li jeccedu l-ammont depozitat permezz tac-Cedola Numru 348/06;

Illi l-kreditu tar-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa cert likwidu u dovut;

Ghaldaqstant ir-rikorrent Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li huwa jigi ammess fil-lista tal-krledituri tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited (C14396) u dana ai termini ta' l-artikolu 416 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-kreditu ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni jigi ippregradwat wara li dina l-Qorti joghgobha taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**D. RISPOSTA TAL-KURATURI DEPUTATI (FOL105):**

Rat ir-risposta tal-Kuratur Dr. Renzo Porsella-Flores *et noe* ghar-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' l-4 ta' Ottubru 2006 li bih esponew :

Illi filwaqt li jirrimarkaw li ma nghatawx kopji tad-dokumenti mehmuza tar-rikors, huma ma jafu xejn dwar il-fatti msemmija fl-istess rikors.

**E. RISPOSTA TAL-BANK OF VALLETTA (FOL 108):**

Rat ir-risposta tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. ghar-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2006 li bih espona:

Illi l-Bank of Valletta oppona ghat-talbiet maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan stante li l-kreditu tal-Bank of Valletta p.l.c. jippregradwa dak ta' kwalsiasi kreditur iehor, inkluz ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni, peress illi dan il-kreditu, kif ahjar dettaljatament spjegat fir-rikors tal- Bank of Valletta p.l.c. gia' ipprezentat f'dawn l-atti kif ukoll fir-rikors promotur ta' dawn il-

proceduri, huwa munit b'ipoteki u privileggi li jgibu n-numri I 3080/93, I 10546/1993, I 2930/1997, I 2939/1997, I 14226/1998, I 14228/1998, I 14247/1998 u I 6804/2000 li kopja taghhom gja' giet esebita mal-imsemmija rikorsi ipprezentati mill- Bank of Valletta p.l.c.

**F: RISPOSTA TAL-KURATURI DEPUTATI (FOL 109):**
Rat it-twegiba tal-Kuraturi Deputati li biha esponew:

Illi filwaqt li ma jistghu jghidu dwar it-talbiet migjuba f'dan l-ahhar rikors il-kuraturi ma jistghux ma jsaqsux ghala dawn it-talbiet ma ssemmewx mat-talbiet li tressqu fir-rikors tat-23 ta' Novembru 2006.

**G: RISPOSTA TAL-BANK OF VALLETTA (FOL 114):**
Rat ir-risposta ulterjuri tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. (C2833) tat-28 ta' Dicembru 2006 (fol 114) li biha espona:

Illi, l-ewwelnett u qabel kollox jirrizulta mill-atti li fil-11 ta' Ottubru 2006 il-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien ipprezenta rikors biex jigi ammess fil-lista ta' kredituri ai termini ta' l-artikolu 416 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet, liema rikors gie notifikat lill-Bank of Valletta p.l.c. u permezz ta' risposta tal-21 ta' Novembru 2006 il-Bank of Valletta p.l.c. oppona ghat-talba ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Illi, inspjegabilment fis-27 ta' Dicembru 2006 il-Bank of Valletta p.l.c. gie notifikat b'rikors iehor tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jidher li gie ipprezentat fl-4 t'Ottubru 2006 - u cioe` qabel ir-rikors fuq imsemmi li ghalih saret risposta, - fejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni wkoll talab illi jigi ammess fil-lista ta' kredituri, b'dana pero` li l-bilanci pretizi fir-rikors odjern u cioe` dak ipprezentat fl-4 t'Ottubru 2006 kienu ferm differenti minn dawk imsemmija fir-rikors ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-11 t'Ottubru 2006.

Illi, fic-cirkostanzi jidher li huwa opportun li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jirregola ruhu rigwardanti t-talbiet tieghu u jissostanzja l-pretensjoni tieghu.

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Bank of Valletta p.l.c. oppona ghat-talbiet maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan stante li l-kreditu tal-Bank of Valletta p.l.c. jippregradwa dak ta' kwalsiasi kreditur iehor, inkluz ta' l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni, peress illi dan il-kreditu, kif ahjar dettaljatament spjegat fir-Rikors tal-Bank of Valletta p.l.c. gja ipprezentat f'dawn l-atti kif ukoll fir-Rikors Promotur ta' dawn il-proceduri, huwa munit b'ipoteki u privileggi li jgibu n-numri I 3080/93, I 10546/1993, I 2930/1997, I 2939/1997, I 14226/1998, I 14228/1998, I 14247/1998 u I 6804/2000 li kopja taghhom gja` giet esebita mal-imsemmija rikorsi pprezentati mill-Bank of Valletta p.l.c.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**H. PROVI:**

Giet prezentata nota tar-Registratur Qrati u Tribunali Civili a fol 119 riferibbilment ghall-estratt tal-gazzetta lokali a tenur tad-digriet tat-22 ta' Jannar 2007.

Xehed Tony Borg, *manager* fir-*Recoveries Division* tal-Bank of Valletta, u ikkonferma li l-bank kien qed jipprova jfittex ghall-ammont ta' Lm174,939.99 oltre l-imghaxijiet mill-1 ta' April 2006, u li minn dak in-nhar ma thallas xejn izda dejjem telghin l-interessi.  Ikkonferma d-dokumenti li jinstabu a fol 70 sa 91 tal-process u minn fol 52 sa 69 tal-process dwar l-ammont dovut minn Incoming Travel Bureau Limited.

L-ewwel kien hemm diversi facilitajiet bankarji u kull wahda kienu qed jaghmlu kuntratt biex taghmel tajjeb ghaliha izda finalment ghamlu *aknowledgement of debt*, il-kostituzzjoni ta' debitu, biex ikollhom titolu ezekuttiv fuqhom.  Ikkonferma li l-ammont kollu kien dovut minn ITV u ma kien hemm xejn ta' Raymond Said personalment.

Kien hemm ukoll garanzija solidali ta’ Incoming Travel Bureau.

Fl-affidavit ta’ Anthony Borg hu ikkonferma l-prospetti u esebixxa kuntratti TB1 sa TB8. Zied li s-socjeta` Incoming Travel Bureau kienet ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tal-bank fis-somma ta' tlett mija u tmienja u tletin elf, disa' mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin centezmi (€338,970.42) ekwivalenti ghal mija u hamsa u erbghin elf, hames mija u ghoxrin Liri Maltin (Lm145,520) permezz ta' kuntratt tas-26 ta' Gunju 2000 in atti Nutar Dott. Bartolomeo Micallef li l-bank esebixxa fl-atti tal-kawza. Il-bank esebixxa prospetti li juru kif is-somma zdiedet minn tliet mija u tmienja u tletin elf, disa' mija u sebghin Ewro u tnejn u erbghin centezmi (€338,970.42) flimkien mal-imghax mis-26 ta' Settembru 2002 sa erba' mija u sebat elef, hames mitt Ewro u sitta u hamsin centezmu (€407,500.56) ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin elf, disa' mija u disgha u tletin Liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm174,939.99) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t' April 2006.

Gie ipprezentat affidavit iehor ta’ Anthony Borg biex jikkonferma li s-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited kienet id-debitrici principali u iggarantiet solidalment is-somma li qed jitlob il-Bank. Is-somom kienu koncessi mill-Bank lil Incoming Travel Bureau bhala debitrici principali u mhux bhala garanti.

Xehed Ludgardo Mercieca, *Principal* fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, li xehed li bhala FSS jigifieri taxxa mnaqqsa minghand l-impjegati, ghandu b’kollox jaghti Lm8,943 ekwivalenti ghal €20,831. Bhala bolla ta’ l-impjegati ghandu jaghti Lm19,115 ekwivalenti ghal €44,526. Hemm l-ittri ufficjali, it-titolu ezekuttiv li kienu saru titolu ezekuttiv minhabba li ntbaghtet ittra ufficjali u kien sejjer jesebixxi d-dokumenti kollha relattivi.

In kontro ezami zied li fis-27 ta’ Dicembru 2006 sar rikors iehor riferibbli wahda bhala *employer* u l-ohra bhala individwu. Mistoqsi ghaliex dak li hemm imsemmi fir-rikors ta’ Dicembru ma hux inkluz fir-rikors ta’ Ottubru li fi

zmien xahar li tisptipula l-Ligi qal li qalu li l-ahjar li jaghmluhom ukoll allavolja ghall-ewwel ma kienux imma mbaghad qalu li ahjar jaghmluhom ghax huma taxxa wkoll dovuta, u dan minhabba li bi zvista f'Ottubru ma kienux indunaw effettivament bihom u f'Dicembru dehrilhom li kien ahjar li kieku jaghmluhom ukoll.

Rat ir-rikors ta' Park Hotel Limited (C10203) tat-22 ta' Mejju 2009 (fol 220) biex tigi ammessa fil-lista tal-kredituri u rat id-digriet tad-9 ta' Lulju 2009 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 416(1) tal-Kap 12 cahdet it-talba.

## I. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***I1. Kredituri u ammonti dovuti:***

Il-proceduri odjerni jirrigwardaw talba mill-Bank of Valletta p.l.c. ghal ftuh ta' Konkors ta' Kredituri in segwitu ghad depozitu tas-somma ta' mija u wiehed u tletin elf u sitt mitt liri Maltin (Lm131,600.00) - ekwivalenti ghal tlett mija u sitt elef, hames mija u hamsa u erbghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€306,545.53) - taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depozitu li kopja taghha giet ezibita flimkien mal-att promotur u immarkata Dokument "A" , u liema somma ta' flus giet depozitata bhala prezz ta' blokk ta' bini minghajr numru ufficcjali maghruf bhala ITB House fi Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar, liberat favur id-depozitanti Robertino Bonello *et*. Ghalhekk dan hu konkors kif regolat fl-artikoli 416 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-proceduri odjerni [f'dan l-istadju wara li giet michuda t-talba ta' Park Hotel Limited] hemm zewg kredituri li qed jippretendu li ghandhom jedd fuq il-flus depozitati permezz tac-Cedola ta' Depozitu Numru 348/2006 – il-Bank of Valletta p.l.c. u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Il-Qorti thoss li l-prezenza ta' Robertino Bonello f'dawn l-atti, ghalkemm tista' forsi tkun utili, pero' ma zzid jew tnaqqas xejn fir-rigward tal-meritu tal-proceduri f'dan il-Konkors li strettament jittratta dwar kif ghandhom jikkonkorru l-kredituri u lil min ghandha tispetta s-somma depozitata skond l-istat ipotekarju.

Il-Bank of Valletta p.l.c. jsostni li huwa kreditur tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fis-somma ta' mija u erbgha u sebghin elf, disgha mija u disgha u tletin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (Lml74,939.99) - ekwivalenti ghal erba' mija u sebat elef u hames mitt Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€407,500.55) - flimkien mal-imghax ulterjuri. Mill-1 ta' April 2006 sad-data tal-effettiv pagament, liema kreditu huwa munit b'ipoteki u privileggi li jippregradwaw dawk ta' kwalsiasi kreditur iehor u fosthom dawk senjatament bin-numri I 3080/1993, I 10546/1993, I 2930/1997, I 2939/2007,114226/1998,114228/1998,114247/1998, u 16804/2000. Fil-fehma tal-Qorti ngabu bizzejjed provi dwar li l-ammont huwa verament dovut mill-kumpannija Incoming Travel Bureau Limited lil Bank u li dan l-ammont huwa dovut fil-vesti ta' debitur principal.

Dwar il-kreditur l-iehor u cioe` l-Kummissarju tat-Taxxi Interni dan isostni kreditu tas-somma ta' €97,952.48 (seba u disghin elf disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu) ekwivalenti ghal LM42,051 (tnejn u erbghin elf u wiehed u hamsin Lira Maltin) u in sostenn ta' dan ipproduca diversi dokumenti oltre x-xhieda moghtija mis-Sur Ludgardo Mercieca - rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni.
Min din is-somma hemm riferibbli ghal
a) ghall-*Final Settlement System* (FSS) - Avviz Legali 88/98 - u b) dak dwar tnaqqis li kellu jsir fil-pagi u salarji ta' l-impjegati;
l-ammonti Lm6763.00, Lml5,000.00, Lm500.00, u Lm l,400.00 u cioe` Lm23,663.00 ekwivalenti ghal €55,119.96. Ir-rimanenti somma mitluba fir-rikors ta' l-4 ta' Ottubbru 2006 jirrigwardaw taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali.

***I2. Gradwazzjoni tal-Krediti Konkorrenti:***

Il-Bank of Valletta p.l.c. jsostni li huwa kreditur tas-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited fis-somma ta' Lm174,939.99 ekwivalenti ghal €407,500.55 - flimkien mal-imghax ulterjuri. Mill-1 ta' April 2006 sad-data tal-effettiv pagament munit b'ipoteki u privileggi li

jippregradwaw dawk ta' kwalsiasi kreditur iehor mill-1993 sal 2000.

Illi l-kreditu li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jivvanta li ghandu privilegg fuqu jikkonsisti kemm f'talba ghal hlas ta' taxxa fuq qliegh (*income tax*) tal-impjegati *(Final Settlement* System - FSS), kif ukoll hlas ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali u ukoll taxxa fuq il-qliegh (*income tax*) tal-operat tal-kumpannija; illi fil-fehma tal-Kummissarju l-gradwazzjoni ta' dawn l-krediti huma regolati
mill-Artikolu 116 (2) tal-Kap.318
mill-Artikolu 23 (11) tal-Kap. 372
Dawn jammontaw ghal €97,952.48.
Illi b'mod partikolari l-artikolu 116 (3) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar is-Sigurta` Socjali) jghid hekk:
"(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan I-artikolu tikkostitwixxi talba privileggata, fil-kaz ta' kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhall-pagi ta' mpjegati fuq l-attiv tal-principal u, fil-kaz ta' kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li tahdem ghaliha nnifisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggati jew ipotekarji"

Illi l-artikolu 23 (11) tal-Kapitolu 372 (Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa) jghid hekk:
"(11) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, l-avviz ta' talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileggata fuq l-assi ta' min ihaddem ta' grad minnufih wara l-pagi ta' l-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghal ammonti li jkollhom jithallsu bhala kontribuzzjoni taht l-artikolu 116 ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali, u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggati jew ipotekarji."

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-Kummisarju tat-Taxxi Interni nsibu:

“Illi dawn iz-zewg artikoli ghandhom partijiet analogi ghall-artikolu 62 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’mod partikolari dik il-frazi, komuni ghat-tlett artikoli, fejn jinghad li l-hlas dovut (lil Kummissarju tat-Taxxa jew lil Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) ghandhu jithallas bi preferenza ghal talbiet / pretensjonijiet ohra salv kif stipulat fl-istess artikoli.

Illi f’dana l-kuntest (meta gie trattat l-artikolu 62 tal-Kap. 406) l-Onorabbli Qorti tal-Appeli fis-sentenza taghha tal-**Konkors ta’ Kredituri ta’ Carmelo Gauci Limited**, deciza fis-27 ta’ Frar 2009, qalet hekk:

“Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li “t-taxxa msemmija ghandha tithallas” bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zammlt v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta’ Jannar, 1958, kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag’ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista’ jissussisti indipendentement mill-privilegg, F’dan ilkuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond t-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas “bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor”.

Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista’ jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta immobbli partikolari, f’idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b’dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b’xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62),

Il-frazi “minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra” tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta’ din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-“privilegg specjali” imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f’kull kaz mill-assi tad-

debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent."

Illi applikat dak enuncjat fis-sentenza appena citata ghal kaz odjern huwa evidenti illi t-talbiet tal-esponent Kummissarju tat-Taxxi Interni ghandhom jithallsu bi preferenza fuq kull dejn iehor li jista jkun dovut lill-Bank of Valletta p.l.c, u ghalhekk ghal finijiet ta' gradwazzjoni l-ewwel kreditu li ghandhu jithallas mill-fondi depozitati fl-atti tac-Cedola Numru 348/2006 ghandhu jkun dak dovut lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni."

Izda fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Bank of Valletta jghid:
"Bir-rispett kollu, l-Artikolu 62 tal-Kap. 406 jista' jkun qed jaghti lill-Kummissarju tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud semmai privilegg specjali u biss fuq l-attiv ekonomiku tal-istess - ma jaghtix il-privilegg generali li johrog mill-Ligijiet Kap. 318 u Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk, jigi umilment sottomess, illi, s-sentenza li jipprova jaghmel riferenza ghaliha l-istess Kummissarju tat-Taxxa Interni fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu ma ghandha l-ebda rilevanza ghall-istat odjern…

(3) Illi, invece, l-esponenti tixtieq taghmel riferenza ghall-kawza, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, kwazi identika fejn il-kredituri rilevanti li kkonkorrew kienu proprju l-istess Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-Bank esponent u dan fil-kawza **"Lawrence Attard et vs Bank of Valletta p.l.c.** vs **Anthony u Bernardette Gauci"** - Rikors numru 368/2005 - deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-3 ta' Ottubru 2007. Dan qed jinghad ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, f'dan il-Konkors ghogbu jaghmel talba ghas-somom kollha li huwa jsostni li huma lilu dovuti u jippretendi li ghandu preferenza u privilegg li jikkawtela s-somma kollha li qed jippretendi l-istess

Kummissarju li, kif gja` inghad, fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tieghu, jidentifika bhala sebgha u disghin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€97,952.48);”

Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma’ l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza **Lawrence Attard et vs Bank of Valletta p.l.c. vs Anthony u Bernard Gauci -** Rikors numru 368/2005 - deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-3 ta' Ottubbru 2007, li testwalment irriteniet:-

"Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm biss privjlegg ghal kontribuzzjoni dovuta u mhux ghat-taxxa addizzjonali. Il-Qorti taqbel li l-ammont biss ta' Lm3,000 hu pprivileggjat u mhux is-somma addizzjonali. "

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-ammonti riferibbli ghall-*Final Settlement System* (FSS) u dak dwar tnaqqis li kellu jsir fil-pagi u salarji ta’ l-impjegati u cioe` Lm23,663.00 ekwivalenti ghal €55,119.96 huma privileggjati izda li r-rimanenti somma mitluba fir-rikors tal-4 ta' Ottubbru 2006 jirrigwardaw taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali, li fil-fehma tal-Qorti ma ghandhomx privilegg u ghalhekk ma jiggradwawx qabel l-Ipoteki tal-Bank rikorrent. Ukoll ma jiggradwawx u mhux koperti bl-imsemmi privilegg, l-ammonti kollha msemmija fir-rikors tal-11 ta' Ottubru 2006 fejn intalbet taxxa fuq *l-income* tal-kumpannija u taxxa addizzjonali ghax taxxa "fuq il-qliegh" u taxxa "addizzjonali" ma humiex koperti bi privileggi indikati fl-istess artikolu 116 tal-Kap. 318, u tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 u ghalhekk ukoll ma humiex pprivileggjati skond il-ligi.

Ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jippregradwa d-drittijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. biss f’din is-somma ta' Lm23,663,00 ekwivalenti ghal €55,119.96 u mhux bis-somma ta' sebgha u disghin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€97,952.48) kif jippretendi.

Dwar dak li jifdal depozitati fic-Cedola l-Bank gab il-prova fid-dokumenti bil-kuntratti u ipoteki ("Dok. BOV1 sa BOV8" permezz tan-nota ipprezentata fl-10 ta' Ottubru 2006) u dan il-kreditu tal-Bank ma gie bl-ebda mod kontestat kif lanqas ma gew kontestati l-istess iskrizzjonijiet ipotekarji.

**J. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tordna li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hu awtorizzat li jizbanka mic-Cedola ta’ Depozitu 348/2006 is-somma ta’ €55,119.96;
Tawtorizza lill-Bank of Valletta p.l.c. jizbanka l-bilanc kollu li jifdal wara li jitnaqqas l-ammont ta’ €55,119.96.

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------